Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Valletta)

vs

Andrea Previ

Illum 28 ta Novembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmi imputat Andrea Previ, iben Edward u Gaetana nee Geranze, imwieled Attard fil-21 ta' Awissu, 1974 u detentur ta' karta tal-identita Nru. 431874(M) li permezz taghhom gie akkuzat:

a) talli matul il-lejl tal-24 u 25 ta' Gunju, 1997 fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar ikkommetta serq ta' vettura numru tar-registrazzjoni X-0904 ta' l-ghamla Maruti, mudell Gypsy, li l-valur taghha jeccedi l-LM1,000 (elf lira Maltin), liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-

detriment ta' Adrian Vella Delucca ghan-nom ta' Nova Car Rental, Bugibba;

b) talli f'dawn l-ahhar xhur f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew immexxihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-11 ta' Dicembru, 1997 li permezz taghha deherlu li tista tinsab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

Fl-Artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271, 279, 280, 281 u 334 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi jiddikjara illi ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi jinsab akkuzat b'serq jew inkella b'ricettazzjoni ta' vettura ghamla Maruti, mudell Gypsy, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin, valur u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Adrian Vella Delucca ghan-nom ta' Nova Car Rentals, Bugibba;

Il-Qorti rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Lulju, 2001 illi fiha il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu illi mill-provi prodotti ma giex ippruvat is-serq, imma gie ippruvat ir-ricettazzjoni u cioe' t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat u cioe' t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi;

Ghaldaqstant fuq ammissjoni tad-difiza ghat-tieni imputazzjoni l-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi <u>hati</u> tat-tieni imputazzjoni u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tal-11 ta' Dicembru, 1997;

Illi l-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-att illi l-imputat fuq imsemmi ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi l-vettura in kwistjoni giet rikuperata mill-prosekuzzjoni u giet mghoddija lil sidha Adrian Vella Delucca.

Il-Qorti semghet ukoll lill-imputat jixhed u jghid illi ma ghadux involut fin-negozju tal-vetturi u illum il-gurnata jahdem ma kumpanija li timporta l-hwejjeg, sejjer tajjeb hafna b'dan ix-xoghol u ilu hekk impjegat sentejn.

Il-Qorti semghet ukoll lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi dan kien incident isolat u illi l-imputat fuq imsemmi jidher li huwa miexi fi triq it-tajba. Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u tara illi jkun aktar ta' beneficcju ghall-imputat kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex ikompli ghaddej f'din it-triq it-tajba illi jidher illi qabad.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-Artikoli 21 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tillibera lill-imputat misjub hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu tobbligah li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Il-Qorti tillibera lill-imputat fuq imsemmi mill-ewwel imputazzjoni, liema imputazzjoni ma gietx ippruvata fil-konfront tieghu.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

14

Illum 20 ta' Lulju, 2001

Meta ssejjhet il-kawza deher l-imputat assistit minn Dr. Michael Sciriha.  Deher ukoll is-Supretendent Joseph Valletta.

Xehed bil-gurament Andrea Previ.

Id-difiza tiddikjara li ma ghandhiex provi aktar xi tressaq.

Il-Prosekuzzjoni u d-Difiza jaqblu illi mill-provi prodotti ma giex ippruvat is-serq, imma gie ippruvat ir-ricettazzjoni.

L-imputat assistit jammetti t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Giet ittrattata l-kawza.

Il-kawza tibqa differita ghat-28 ta' Novembru, 2001 ghas-sentenza.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur